MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 65/2004

Maltacom p.l.c.

vs

Raymond Buhagiar

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' elfejn u erbgha u sebghin liri maltin (Lm2074.00) rapprezentanti ammont minnu dovut in konnnessjoni ma' servizz telefoniku bin-numru 21463780 (skond kif jirrizulta mill-anness 'statement' Dok A) liema servizzi gie stallat Haz-Zebbug Malta u dana skond kif jidher mill-annessi kopja ta' ftehim markata Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja datata 17 ta' Lulju, 2002 u tat-taxxa fuq id-

drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talbiet attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas s-somma mitluba ta' elfejn u erbgha u sebghin liri maltin (Lm2074.00) dovuta kif fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut kif mitluba mis-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------